IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.8.2020
COM(2020) 358 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Rapport annwali dwar l-operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja tal-Unjoni Ewropea ffinanzjati fl-2019

INTRODUZZJONI 2

OPERAZZJONIJIET TA' GĦAJNUNA UMANITARJA appoġġati fl-2019 2
Ħarsa ġenerali tal-operazzjonijiet prinċipali tal-għajnuna umanitarja li huma appoġġati .. 2
Prijoritajiet orizzontali 9
Sommarju tal-evalwazzjonijiet li tlestew fl-2019 11
Baġit tal-2019 11

INFORMAZZJONI U SORSI ADDIZZJONALI 12
Lista ta' sħab li ffirmaw il-Qafas ta' Sħubija tal-2014 13

INTRODUZZJONI

Dan ir-rapport jippreżenta l-attivitajiet ewlenin tal-Unjoni Ewropea (UE) u r-riżultati tal-politiki tal-Unjoni tal-2019 fil-qasam tal-għajnuna umanitarja, iffinanzjata mill-Kummissjoni Ewropea (KE). Ir-rapport jitħejja skont l-Artikolu 19 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996.

OPERAZZJONIJIET TA' GĦAJNUNA UMANITARJA appoġġati fl-2019

Fl-2019, il-ħtiġijiet umanitarji komplew jiżdiedu minħabba kriżijiet kumplessi – li spiss jikkawżaw spostament massiv fil-popolazzjoni – kif ukoll minħabba diżastri naturali u għax faqqgħu epidemiji. F'dan l-isfond, id-Direttorat Ġenerali tal-KE għall-Protezzjoni Ċivili u l-Operazzjonijiet tal-Għajnuna Umanitarja Ewropej (DĠ ECHO) baqa' d-donatur umanitarju prinċipali, u alloka EUR 2,4 biljun lil miljuni ta' persuni affettwati mill-kriżi f'aktar minn 80 pajjiż. Biex tiġi indirizzata d-diskrepanza li qed tikber ta' finanzjament umanitarju, id-DĠ ECHO kompla jippromwovi l-implimentazzjoni tal-impenji Grand Bargain, b'mod partikolari fir-rigward tal-valutazzjoni konġunta tal-ħtiġijiet multisettorjali.

Proporzjon sinifikanti tal-għajnuna umanitarja tal-UE kien iddedikat għall-persuni milquta mill-kriżi fis-Sirja u fil-pajjiżi ġirien tagħha, inkluż il-komponent umanitarju tal-Faċilità tal-UE għar-Refuġjati fit-Turkija. L-UE ffukat ukoll fuq l-appoġġ għall-popolazzjonijiet li għaddejjin minn "kriżijiet minsija", bħal fir-Repubblika Ċentru-Afrikana, fis-Sudan, fil-Pakistan, fil-Kolombja, fil-Venezwela, fil-Haiti, u fil-Filippini.

Id-DĠ ECHO kellu rwol ewlieni fil-promozzjoni ta' għajnuna umanitarja abbażi ta' prinċipji u tar-rispett lejn il-liġi umanitarja internazzjonali. Għamel dan permezz ta' promozzjoni attiva fir-rigward ta' kriżijiet umanitarji speċifiċi, iżda wkoll globalment bħala president tal-Grupp ta' Appoġġ tad-Donaturi[1] tal-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar (ICRC), u l-inizjattiva ta' Donazzjoni Umanitarja Tajba[2] (mal-Iżvizzera).

Id-DĠ ECHO jiffinanzja u juża, għall-approċċ tiegħu bbażat fuq l-evidenza, l-indiċi tar-Riskju ta' INFORM li ġie żviluppat mill-JRC, u li qed isir il-metodoloġija għall-valutazzjoni tar-riskju *de-facto* għal ħafna organizzazzjonijiet bħan-NU u l-INGO.

Ħarsa ġenerali tal-operazzjonijiet prinċipali tal-għajnuna umanitarja li huma appoġġati

Is-Saħel — kriżi kumplessa

L-UE wieġbet għall-ħtiġijiet umanitarji ta' emerġenza fil-Burkina Faso, il-Mauritania, il-Mali, iċ-Chad, in-Niġer, in-Niġerja u l-Kamerun, billi allokat EUR 188 miljun. Dan inkluda l-Mekkaniżmi ta' Rispons Rapidu (pakkett ta' assistenza ta' emerġenza multisettorjali għal tliet xhur) u appoġġ għall-istrutturi nazzjonali eżistenti biex jinżamm l-aċċess għas-servizzi bażiċi. L-għajnuna tal-UE għenet biex ikun hemm aċċess għal żoni li diffiċli jintlaħqu permezz tas-Servizzi Umanitarji bl-Ajru, il-Koordinazzjoni Ċivili-Militari umanitarja u l-ġestjoni tal-

[1] Il-grupp ta' Appoġġ tad-Donaturi tal-KISA huwa magħmul minn gvernijiet, organizzazzjonijiet supranazzjonali jew istituzzjonijiet internazzjonali li jikkontribwixxu mill-inqas mal-CHF 10 miljun fis-sena.
[2] L-inizjattiva ta' Donazzjoni Umanitarja Tajba hija forum informali ta' donaturi li jlaqqa' flimkien 42 donatur impenjat li jipprovdi assistenza umanitarja effettiva u responsabbli.

informazzjoni.

L-UE pprovdiet l-ikel matul l-istaġun sterili u l-kura nutrittiva għal tfal li jsofru minn malnutrizzjoni akuta qawwija u li jeħtieġu trattament li jsalva l-ħajja. Barra minn hekk, l-UE kienet qed taħdem b'mod attiv fuq l-implimentazzjoni tar-rabta bejn l-aspett umanitarju u l-iżvilupp biex tinbena r-reżiljenza ta' persuni milquta minn kriżijiet, u biex jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali tal-insigurtà tal-ikel u n-nuqqas ta' nutrizzjoni gravi.

Il-kriżi reġjonali tar-Repubblika Ċentru-Afrikana

Minkejja l-iffirmar ta' ftehim ta' paċi fi Frar, is-sitwazzjoni umanitarja ma tjibitx fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (RĊA). Ingħataw EUR 22,4 miljun lir-RĊA u lir-refuġjati tal-Afrika Ċentrali fil-Kamerun u ċ-Chad, fejn ngħatat għajnuna umanitarja multisettorjali u ssaħħew il-koordinazzjoni umanitarja, is-sigurtà u l-loġistika.

Il-Kriżi fil-Baċir tal-Lag Chad

Minn 17,4-il miljun persuna li jgħixu fin-Niġerja, in-Niġer, il-Kamerun, iċ-Chad, 10,7 miljun ruħ kienu jeħtieġu assistenza umanitarja, inklużi aktar minn 6 miljun tifel u tifla. L-UE pprovdiet madwar EUR 64 miljun f'għajnuna umanitarja multisettorjali.

Is-Sudan t'Isfel

Fl-2019, madwar 7,5 miljun persuna mis-Sudan t'Isfel kienu fi bżonn urġenti ta' assistenza umanitarja, u l-pajjiżi ġirien kienu qed jospitaw aktar minn 2 miljun refuġjat mill-pajjiż. L-UE allokat EUR 51,6 miljun għas-Sudan t'Isfel, filwaqt li indirizzat il-livell għoli ta' insigurtà tal-ikel u l-malnutrizzjoni fil-pajjiż kollu. Il-protezzjoni tat-tfal u n-nisa hija prijorità għall-UE minħabba l-livelli estremi ta' vjolenza u l-użu tal-vjolenza sesswali bħala arma tal-gwerra.

Is-Sudan

Il-pajjiż sofra mill-effetti li ħallew deċennji ta' kunflitt, iggravati minn kriżi ekonomika bla preċedent u minn żieda fil-prezzijiet tal-ikel u mill-fatt li 25 % tal-popolazzjoni kienet qed iġġarrab livelli ferm għoljin ta' insigurtà severa tal-ikel. Matul is-sena, il-biċċa l-kbira tal-għajnuna umanitarja tal-UE – EUR 55,7 miljun – marret għall-għajnuna alimentari u għall-kura u trattament nutrizzjonali, prinċipalment għat-tfal taħt it-5 snin u għan-nisa tqal jew li qed ireddgħu. Sabiex jiżdied l-aċċess tan-nies għall-protezzjoni soċjali fuq terminu twil fis-Sudan, l-UE qed tikkumplimenta l-finanzjament umanitarju bl-għajnuna għall-iżvilupp biex tgħin lill-komunitajiet jibnu reżiljenza.

Il-kriżi reġjonali tal-Lagi l-Kbar

Kemm ir-RDK kif ukoll ir-Repubblika tal-Kongo kienu affettwati minn kunflitt kontinwu u mill-Marda tal-Virus tal-Ebola. Il-Kummissjoni allokat madwar EUR 72 miljun lir-reġjun, inkluż ir-rispons għall-Marda tal-Virus tal-Ebola. Mas-EUR 7 miljun addizzjonali ntefqu fuq l-operazzjonijiet ta' ECHO Flight.

L-Etjopja

B'riżultat tal-vjolenza xprunata mill-etniċità, l-għadd ta' persuni spostati internament (internally displaced persons, IDP) fl-Etjopja fil-bidu tal-2019 laħaq it-3,1 miljun ruħ, qabel ma naqas għal 2 miljun ruħ. Minkejja l-fatt li l-kundizzjonijiet ta' sikurezza u sigurtà mhux dejjem intlaħqu, l-awtoritajiet ippruvaw jibagħtu lura lill-persuni spostati lejn il-post ta' oriġini tagħhom, u b'hekk kisru l-prinċipji tar-ritorn volontarju u sikur. Fl-2019 l-UE pprovdiet EUR

51,5 miljun biex tgħin lill-persuni affettwati permezz ta' ikel, kenn, oġġetti essenzjali għaddar, kura kontra l-malnutrizzjoni, l-ilma, is-sanità u s-servizzi ta' protezzjoni. L-ikbar sehem mill-finanzjament kien iddedikat għall-persuni li kienu qed jaħarbu minn vjolenza persistenti u mill-qerda ta' djarhom u l-għajxien tagħhom.

Il-Kenja

Il-Kenja tospita madwar 490 000 refuġjat, filwaqt li l-politika tal-gvern dwar l-ikkampjar tagħmel lir-refuġjati dipendenti għalkollox fuq l-għajnuna. Nixfa ġdida kkawżat insigurtà talikel għal madwar 2,6 miljun ruħ, l-ispostament tal-popolazzjoni, u riskju elevat ta' kunflitt minħabba l-mergħat skarsi u l-ilma.

Il-finanzjament tal-UE għall-Kenja ammonta għal EUR 15,95-il miljun, inklużi EUR 11,5-il miljun għall-kampijiet tar-refuġjati, EUR 1,3 miljun bħala Tħejjija għad-Diżastri fi tliet kontej suxxettibbli għal diżastri għal għarrieda, u EUR 3,15 miljun f'rispons ta' emerġenza għannixfa u l-għargħar barra l-kampijiet.

Is-Somalja

Il-ħtiġijiet umanitarji baqgħu għoljin minħabba x-xejriet erratiċi kontinwi tat-temp u l-kunflitt armat. Nixfa ġdida kkontribwiet għad-deterjorament tas-sitwazzjoni umanitarja, filwaqt li t-tmiem tas-sena kien immarkat minn staġun tax-xita ogħla mill-medja fin-Nofsinhar tal-pajjiż, li kkawża għargħar qawwija tax-xmajjar. Dawn tal-aħħar affettwaw aktar minn 500 000 persuna filwaqt li qerdu l-għelejjel u spostaw 370 000 ruħ. B'riżultat ta' dan il-kapaċità talpopolazzjoni li tkampa ddgħajfet u l-irkupru dam aktar. Il-Kummissjoni allokat madwar EUR 63 miljun bħala rispons għall-kriżi.

L-Uganda

L-Uganda ospitat 1,41 miljun refuġjat, li minnhom 91 fil-mija kienu mis-Sudan t'Isfel u r-RDK. Barra minn hekk, minn Awwissu 2018 'l hawn, il-pajjiż kien f'riskju għoli li tasal għandu l-Marda tal-Virus tal-Ebola mir-RDK fil-viċin, li esperjenza l-akbar tifqigħa li qatt seħħet. L-UE allokat EUR 33 miljun għall-protezzjoni, għall-għajnuna alimentari, għall-kura tas-saħħa , għall-aċċess għal ilma sikur u għas-servizzi sanitarji kif ukoll għajnuna għalledukazzjoni lir-refuġjati u lill-komunitajiet ospitanti tagħhom. Barra minn hekk, ingħata appoġġ bi tħejjija għall-Ebola, għall-monitoraġġ u r-rispons għall-marda, u biex tiżdied irreżiljenza u l-awtosuffiċjenza tal-persuni l-aktar vulnerabbli biex inaqqsu d-dipendenza tagħhom fuq l-għajnuna fit-tul.

Ir-reġjun tal-Afrika tan-Nofsinhar u l-Oċean Indjan (SAIO)

Is-sitwazzjoni ta' temp estrem hija okkorrenza regolari fir-reġjun tal-Afrika tan-Nofsinhar u l-Oċean Indjan, u qed issir aktar frekwenti u intensa minħabba l-bidla fil-klima. L-UE allokat aktar minn EUR 66 miljun lir-reġjun tal-Afrika tan-Nofsinhar u l-Oċean Indjan għal assistenza umanitarja ta' emerġenza u għat-tħejjija għad-diżastri, u enfasizzat li għandha tissaħħaħ ilkapaċità tal-komunitajiet u tal-awtoritajiet ta' ġestjoni tad-diżastri biex jegħlbu d-diżastri naturali li jirrikorru.

Żewġ ċikluni b'saħħithom laqtu lill-Afrika tan-Nofsinhar u affettwaw tliet miljun ruħ fiż-Żambja, fl-Eswatini, fil-Lesoto, fil-Madagascar, fil-Mozambique, fiż-Żimbabwe, fil-Malawi u fil-Comoros". L-UE wieġbet minnufih b'assistenza umanitarja lill-pajjiżi milquta, inkluża l-attivazzjoni tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili fil-Mozambique.

Filwaqt li ffaċċja kriżi ekonomika, iż-Żimbabwe ntlaqat minn xokkijiet bħaċ-ċiklun Idai, li wassal għal 7,7 miljun ruħ – aktar minn 50 % tal-popolazzjoni – biex iġarrbu insigurtà tal-ikel. L-UE allokat EUR 31,6 miljun b'reazzjoni għall-impatt taċ-ċiklun, u ffukat prinċipalment fuq l-għajnuna umanitarja tal-ikel u t-tħejjija għad-diżastri.

Il-Venezwela

Il-kollass soċjo-ekonomiku tal-Venezwela rriżulta fl-ispostament ta' 3,9 miljun Venezwelan fl-2019. Skont l-OCHA tan-NU, mill-inqas 7 miljun persuna kienu jeħtieġu assistenza umanitarja, prinċipalment minħabba nuqqas ta' aċċess għas-servizzi tas-saħħa, għall-edukazzjoni, l-ikel u n-nutrizzjoni.

L-UE allokat it-total ta' EUR 55 miljun għall-provvista ta' għajnuna umanitarja lill-persuni spostati u biex tappoġġa l-komunitajiet ospitanti. Biex jiġi żgurat segwitu mill-qrib tal-interventi, f'Mejju d-DĠ ECHO fetaħ uffiċċju f'Caracas. Żieda fl-isforzi għall-promozzjoni umanitarja kkontribwiet għall-ftuħ tal-ispazju umanitarju fil-pajjiż, u d-DĠ ECHO kien fuq quddiem nett fil-Konferenza ta' Solidarjetà tal-Venezwela f'Ottubru fi Brussell.

Il-Kolombja

Is-sitwazzjoni umanitarja fil-Kolombja marret għall-agħar b'mod drastiku minħabba l-kunflitt intern li kien qed jikber, iggravata mill-impatt ta' 1,6 miljun refuġjat Venezwelan li hija rċeviet. Il-Kolombja hija ferm suxxettibbli għad-diżastri naturali, u l-muniċipalitajiet milquta minn kunflitti huma partikolarment f'riskju. Madwar 140 000 persuna ġew spostati u aktar minn 350 000 minnhom sofrew restrizzjonijiet fil-mobilità, u dan irriżulta f'nuqqas ta' aċċess għall-mezzi tal-għajxien u għas-servizzi bażiċi. Madwar 350 000 refuġjat Kolombjan kienu ospitati fil-pajjiżi ġirien.

Mal-EUR 11-il miljun ġew allokati mid-DĠ ECHO biex jiġu megħjuna n-nies milquta mill-kunflitt u mid-diżastri naturali fil-Kolombja u r-reġjun. Is-setturi tal-għajnuna kienu jinkludu l-protezzjoni, il-kura tas-saħħa, l-ilma u miżuri sanitarji, l-edukazzjoni u t-tħejjija għad-diżastri.

Il-Haiti

L-inkwiet politiku, iż-żieda fil-vjolenza u t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku fil-Ħaiti komplew inaqqru mill-kapaċità tal-akkwist diġà dgħajfa tal-aktar familji vulnerabbli, b'3,7 miljun ruħ fi kriżi tal-ikel akuta. Id-DĠ ECHO pprovda EUR 14-il miljun bħala reazzjoni għall-insigurtà alimentari akuta u biex tiġi appoġġata l-koordinazzjoni umanitarja. Mat-EUR 3 miljun addizzjonali ġew investiti fit-tħejjija għad-diżastri.

Il-kriżi Afgana (l-Afganistan, il-Pakistan, l-Iran)

L-Afganistan għandu wieħed mill-aktar kunflitti qattiela madwar id-dinja bi 17-il miljun ruħ (50 % tal-popolazzjoni tal-pajjiż) li jgħixu f'żoni ferm milquta mill-kunflitt u li 3,4 miljun ruħ minnhom huma spostati internament. Hemm madwar 10 miljun refuġjat Afgan madwar id-dinja, dokumentat jew mhux dokumentat. L-Iran u l-Pakistan huma d-destinatarji ewlenin tar-refuġjati Afgani, u jospitaw u jassistu kważi 3 miljun ruħ u 4 miljun ruħ rispettivament.

Id-DĠ ECHO alloka EUR 61 miljun għall-Afganistan, b'enfasi fuq ir-rispons ta' emerġenza u l-kura għat-trawmi. Fl-Iran u l-Pakistan, l-għajnuna umanitarja tal-UE għenet lir-refuġjati Afgani u lill-popolazzjonijiet lokali l-aktar vulnerabbli bi EUR 18-il miljun. L-UE appoġġat l-

edukazzjoni għat-tfal Afgani fl-Iran, li kienet tinvolvi wkoll ir-reġistrazzjoni tal-familji tagħhom. Setturi oħra ta' assistenza tal-UE kemm fl-Iran kif ukoll fil-Pakistan kienu l-ilma, is-sanità u l-iġjene (WASH), is-sigurtà tal-ikel u l-għajxien, il-kenn, il-protezzjoni u s-saħħa.

Il-kriżi tar-Rohingya (il-Myanmar, il-Bangladesh)

Il-popolazzjoni Rohingya tal-Myanmar ġiet esposta għal diskriminazzjoni sistematika u vjolenza mmirata. Fi tmiem l-2019 kien hemm 855,000 refuġjat Rohingya rreġistrati mill-UNHCR f'Cox's Bazar (il-Bangladesh), f'megakamp ferm iffullat. Ir-refuġjati kienu kompletament dipendenti fuq l-għajnuna umanitarja minħabba n-nuqqas ta' libertà ta' moviment, ta' opportunitajiet ta' għajxien u ta' aċċess għas-servizzi soċjali. Barra minn hekk, iż-żona hija estremament suxxettibbli għad-diżastri naturali. Madwar 600 000 Rohingya għadhom jgħixu fl-Istat ta' Rakhine tal-Myanmar f'kundizzjonijiet terribbli, uħud minnhom f'kampijiet ta' konfinament u kompletament dipendenti fuq l-għajnuna umanitarja.

L-UE pprovdiet EUR 36 miljun f'assistenza umanitarja għall-kriżi tar-Rohingya, kemm fil-Bangaldesh kif ukoll fil-Myanmar, li kienet tikkonsisti f'kura tas-saħħa bażika, ilma, miżuri sanitarji, kenn, nutrizzjoni, edukazzjoni, protezzjoni, appoġġ psikosoċjali u tnaqqis tar-riskju tad-diżastri.

Il-Filippini

Mindanao ilu għaddej minn kunflitti fit-tul interni, b'madwar 400 000 persuna fil-bżonn ta' assistenza umanitarja (inklużi l-persuni spostati internament u dawk li jirritornaw). Barra minn hekk, il-Filippini huwa wieħed mill-pajjiżi l-aktar suxxettibbli għad-diżastri fid-dinja. L-UE allokat it-total ta' EUR 6,7 miljun għall-pajjiż għall-assistenza umanitarja lil persuni milquta mill-kunflitt f'Mindanao (għall-postijiet ta' kenn ta' emerġenza, is-servizzi tal-WASH, is-saħħa, l-ikel u l-oġġetti mhux tal-ikel, l-edukazzjoni), kif ukoll għar-rispons ta' emerġenza għad-diżastri naturali u għal azzjonijiet ta' tħejjija għad-diżastri.

Il-Kriżi tas-Sirja

Il-kunflitt fis-Sirja jinsab fid-disa' sena tiegħu, b'aktar minn 11-il miljun ruħ fi bżonn ta' għajnuna umanitarja fil-pajjiż. Ġie pprovdut it-total ta' EUR 260 miljun mill-UE biex tingħata assistenza li ssalva l-ħajjiet fis-Sirja u għar-refuġjati Sirjani fil-Libanu, fil-Ġordan u fl-Eġittu biex jitwasslu l-ikel, il-mediċina, l-ilma u jingħata kenn. Fil-pajjiżi ġirien, fil-Libanu u l-Ġordan, il-finanzjament umanitarju tal-UE kien permezz ta' assistenza fi flus kontanti għar-refuġjati l-aktar vulnerabbli, li kien l-aktar mod kosteffiċjenti u dinjituż ta' assistenza.

DĠ ECHO kien direttament involut f'inizjattivi diplomatiċi internazzjonali, bħat-tielet konferenza "Appoġġ għall-Futur tas-Sirja u għar-Reġjun" li saret fi Brussell, bħat-Task Force Umanitarja tal-Grupp Internazzjonali ta' Appoġġ għas-Sirja f'Ġinevra, bħal-laqgħat tal-Uffiċjali Għolja organizzati fi Frar f'Ġinevra u f'Novembru f'Copenhagen.

L-Iraq

Fl-Iraq, 6,7 miljun ruħ kienu għadhom jeħtieġu assistenza umanitarja, inkluż 1,6 miljun persuna spostati internament li minnhom 375 000 kienu fil-kampijiet. Id-DĠ ECHO għamel użu minn operazzjonijiet li jiswew EUR 38 miljun għall-kura tas-saħħa f'emerġenza, għall-

kenn bażiku, għall-ilma sikur, għas-sanità u għall-iġjene kif ukoll għall-protezzjoni umanitarja, b'enfasi partikolari fuq il-persuni spostati internament. Huwa appoġġa l-assistenza għas-superstiti ta' vjolenza sesswali, u l-għoti ta' terapija fiżika u appoġġ għar-riabilitazzjoni tal-vittmi tal-kunflitt, b'mod partikolari għal gruppi mmirati bħall-Yezidis fil-Majjistral tal-Iraq.

Id-DĠ ECHO ta appoġġ biex jitkomplew is-servizzi pubbliċi bażiċi f'żoni affettwati mill-gwerra, u għen 4,5 miljun ruħ biex jmorru lura d-dar. Dan l-appoġġ kien jinkludi l-edukazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza (education in emergencies, EiE), biex it-tfal jerġgħu jibdew l-iskola, ħafna drabi wara snin ta' waqfien.

Id-DĠ ECHO pprovda assistenza legali lill-familji biex jiksbu dokumenti ta' identifikazzjoni li ntilfu jew ma nħarġux taħt l-hekk imsejjaħ kontroll tal-Istat Iżlamiku, servizzi bażiċi f'ħabsijiet iffullati, assistenza għall-minuri f'ċentri ta' detenzjoni u mekkaniżmi bbażati fil-komunità biex jiġu integrati mill-ġdid l-eks suldati tfal.

Il-Jemen

Il-pajjiż qed jesperjenza l-akbar kriżi umanitarja fid-dinja, b'24,1 miljun persuna (80 % tal-popolazzjoni) li jeħtieġu assistenza, li 3 miljun minnhom huma spostati internament. In-nuqqas ta' sigurtà tal-ikel jaffettwa 20 miljun Jemenit, b'mill-inqas 238 000 persuna f'kundizzjonijiet ta' karestija. Barra minn hekk, il-pajjiż qed jiffaċċja l-kollass tas-servizzi tas-saħħa, li jħalli 19,7-il miljun ruħ fil-bżonn, 460 000 każ suspettat ta' kolera, l-importazzjoni ta' ikel, fjuwil u mediċina ristretta u insuffiċjenti kif ukoll skejjel magħluqin.

Id-DĠ ECHO għamel użu minn operazzjonijiet li jiswew EUR 115-il miljun biex jipprovdi ikel, kura tas-saħħa, edukazzjoni kif ukoll ilma, kenn u settijiet tal-iġjene għal żoni affettwati mill-gwerra u għal popolazzjonijiet spostati. Il-finanzjament intuża għall-kura ta' tfal li kienu serjament fi stat ta' malnutrizzjoni, għall-ġlieda kontra l-epidemija tal-kolera u għat-tifqigħat tal-ħosba u d-difterite, għar-riabilitazzjoni ta' persuni b'diżabilità, għar-restawr tal-klassijiet u biex jiġu appoġġati s-Servizzi Umanitarji tal-Ajru tan-Nazzjonijiet Uniti (UNHAS), li jipprovdi trasport tal-ajru u marittimu kruċjali u affidabbli għall-ħaddiema fil-qasam tal-għajnuna umanitarja.

It-Turkija

It-Turkija qed tkompli tospita l-akbar komunità ta' refuġjati fid-dinja, bi 3,6 miljun Sirjan taħt protezzjoni temporanja u madwar 370,000 persuna mhux Sirjana rreġistrata għall-protezzjoni internazzjonali. B'kollox, taħt l-ewwel u t-tieni porzjon ta' għoti lill-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija (FRiT), l-UE pprovdiet EUR 2,4 biljun f'għajnuna umanitarja li appoġġat madwar 1,7 miljun refuġjat permezz ta' 64 proġett, permezz ta' 19-il organizzazzjonijiet msieħba li għaddejjin b'ħidma fuq il-ħtiġijiet bażiċi, l-edukazzjoni mhux formali, il-protezzjoni u s-saħħa.

Fl-2019, id-DĠ ECHO kkuntratta EUR 1 021 biljun, l-aktar għal Sistema ta' Protezzjoni Soċjali ta' Emerġenza (Emergency Social Safety Net, ESSN). Dan il-programm emblematiku pprovda lil 1,7 miljun refuġjat b'pagamenti fi flus kontanti ta' kull xahar permezz ta' kard ta' debitu biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet bażiċi tagħhom. It-trasferiment Kondizzjonali ta' Flus għall-Edukazzjoni (Conditional Cash Transfer for Education, CCTE) huwa programm għall-EiE li laħaq aktar minn 560,000 tifel u tifla. Jipprovdi trasferimenti ta' flus lil familji

vulnerabbli u jippromwovi r-reġistrazzjoni fl-iskejjel u l-attendenza regolari tat-tfal refuġjati.

Il-Balkani tal-Punent

Fil-bidu tal-2018 xirfet "sottorrotta" ġdida għar-refuġjati, li mill-Bożnija-Ħerzegovina (BiH) kienet tieħu lejn il-Kroazja u s-Slovenja. Mad-29 000 persuna fil-bżonn waslu fil-Bożnija-Ħerzegovina fl-2019, apparagun ta' 24 000 ruħ fl-2018. L-għadd totali ta' migranti u refuġjati fil-pajjiż huwa ta' madwar 8 000, li minnhom madwar 2 000 ma għandhomx post suret in-nies fejn jorqdu (f'bini okkupat illegalment, f'bini abbandunat jew fi stazzjonijiet tal-ferrovija). L-għajnuna umanitarja tal-UE lill-Bożnija-Ħerzegovina kienet tammonta għal EUR 3,8 miljun. Permezz tas-sħab umanitarji tiegħu, id-DĠ ECHO pprovda assistenza fil-qasam tas-saħħa, tal-protezzjoni u għas-sensibilizzazzjoni (inkluži l-identifikazzjoni ta' individwi vulnerabbli, il-forniment ta' ikel f'emerġenza u ta' oġġetti mhux tal-ikel, l-assistenza medika, eċċ.) lir-refuġjati u lill-migranti.

L-Ukrajna

Il-konflitt qed jaffettwa aktar minn 5,2 miljun persuna, li minnhom 3,5 miljun ruħ huma fil-bżonn ta' assistenza umanitarja, prinċipalment fiż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern u tul iż-żewġ naħat tal-linja ta' kuntatt. L-UE, flimkien mal-Istati Membri tagħha, hija l-akbar donatur ta' assistenza umanitarja u assistenza għall-irkupru bikri/għall-iżvilupp mogħtija lill-Ukrajna. Ipprovdiet aktar minn EUR 762,5 miljun mill-bidu tal-kunflitt, li minnhom madwar nofshom huma f'għajnuna umanitarja. L-UE (permezz tal-KE) sa issa pprovdiet aktar minn EUR 141,8 miljun f'għajnuna umanitarja, li minnhom EUR 23 miljun ingħataw fl-2019 lil 11-il sieħeb li jaħdmu fuq iż-żewġ naħat tal-linja ta' kuntatt f'6 setturi ta' intervent, jiġifieri: is-saħħa, il-kenn, l-ilma, l-iġjene u miżuri sanitarji (WASH), l-edukazzjoni, il-ħtiġijiet bażiċi u l-protezzjoni.

Il-Libja

Mat-820 000 Libjan jeħtieġu assistenza umanitarja. Mal-20 % tal-faċilitajiet tas-saħħa huma magħluqin minħabba l-qerda, il-ħsara jew għax okkupati. Kien hemm kriminalità rampanti kontra d-Dritt Umanitarju Internazzjonali, it-traffikar tal-bnedmin u ostakli biex tasal l-għajnuna u biex l-organizzazzjonijiet tal-għajnuna jkollhom aċċess.

Id-DĠ ECHO vara operazzjonijiet bil-valur ta' EUR 8 miljun li appoġġaw il-kura tas-saħħa essenzjali għall-vittmi tal-kunflitt, inkluži l-kirurġija ta' emerġenza fi gwerra, il-kits tal-ewwel għajnuna, ir-riabilitazzjoni fiżika, il-proteži u l-appoġġ psikosoċjali, il-forniment ta' mediċini essenzjali u l-kura tas-superstiti ta' vjolenza sessista. L-għajnuna stabbiliet mill-ġdid is-servizzi tal-kura tas-saħħa primarja f'żoni milquta mill-kunflitt u l-edukazzjoni essenzjali f'Benghazi u f'Sirte, li ppermettiet biex eluf ta' tfal ikollhom edukazzjoni bażika u appoġġ psikosoċjali. L-UE pprovdiet ukoll assistenza alimentari u appoġġ għall-għajxien, kif ukoll assistenza bbażata fuq flus kontanti għall-aktar persuni vulnerabbli. Is-servizzi ngħataw mingħajr l-ebda diskriminazzjoni lill-persuni vulnerabbli kollha, inkluži l-migranti, ir-refuġjati u dawk li jfittxu l-ażil.

L-Eġittu

Mal-250 000 refuġjat irreġistrat huma maqbudin fil-ħariet ta' bliet kbar mill-aktar iffullati u foqra, bħall-Kajr u Lixandra, fejn ukoll il-komunitajiet ospitanti jbatu minn livell għoli ta' vulnerabbiltà. Madwar 50 % tar-refuġjati ġejjin mis-Sirja, u l-bqija huma prinċipalment mill-Afrika tal-Lvant, l-Iraq u l-Jemen.

Fl-2019, id-DĠ ECHO varat operazzjonijiet bil-valur ta' EUR 5 miljun, li joffru protezzjoni umanitarja, servizzi tas-saħħa ta' emerġenza (b'mod partikolari l-kura tas-saħħa materna u riproduttiva), edukazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza u flus kontanti biex jiġu koperti l-ħtiġijiet bażiċi. Mat-38 % tar-refuġjati kollha huma tfal, li minnhom is-sehem ta' tfal mhux akkumpanjati u separati qed jiżdied.

Il-kriżi tas-Saħara

Wara erba' deċennji ta' kunflitt politiku mhux solvut b'konsegwenzi umanitarji, għexieren ta' eluf ta' rifuġjati mis-Saħara jinsabu maqbuda fi kriżi minsija u li qed tieħu fit-tul. Huma jgħixu f'ħames kampijiet fid-deżert fil-Lbiċ tal-Alġerija, u jiddependu fuq l-għajnuna umanitarja għas-sopravivenza tagħhom.

Id-DĠ ECHO vara operazzjonijiet li jiswew EUR 9 miljun għall-provvista ta' ikel u biex tiġi indirizzata l-malnutrizzjoni li qed tiżdied fost it-tfal u n-nisa refuġjati tas-Saħara, kif ukoll għall-provvista ta' ilma tax-xorb sikur. Ipprovda wkoll mediċini essenzjali, li jkopru 80 % tal-ħtiġijiet tas-saħħa tal-popolazzjoni fil-kampijiet, u appoġġ speċifiku għall-persuni b'diżabilità. Barra minn hekk, id-DĠ ECHO pprovda edukazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza u b'hekk tejjeb l-istat prekarju tal-infrastrutturi tal-edukazzjoni u tal-faċilitajiet sanitarji fl-iskejjel.

Prijoritajiet orizzontali

F'konformità mal-impenji preċedenti tiegħu, id-DĠ ECHO ddedika 10 % mill-baġit tal-UE tal-2019 għall-għajnuna umanitarja fil-qasam tal-Edukazzjoni f'Sitwazzjonijiet ta' Emerġenza u żamm l-impenn tiegħu li jagħti 35 % tal-għajnuna umanitarja permezz ta' trasferimenti ta' flus. Fl-2019 seħħet ukoll l-adozzjoni ta' Gwida Operazzjonali dwar "L-Inklużjoni ta' Persuni b'Diżabilità f'Operazzjonijiet tal-Għajnuna Umanitarja ffinanzjati mill-UE".

L-edukazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza

Id-DĠ ECHO kompla jaġixxi, fuq livell dinji, bħala l-promotur tal-Edukazzjoni f'Sitwazzjonijiet ta' Emerġenza. Il-finanzjament iddedikat mid-DĠ ECHO għall-Edukazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza ammonta għal EUR 166 miljun, u appoġġa attivitajiet fi 52 pajjiż u li bbenefikaw minnhom 'l fuq minn 2,5 miljun benefiċjarju,billi ġie żgurat aċċess għal edukazzjoni sikura u ta' kwalità għall-bniet u s-subien fl-aktar sitwazzjonijiet vulnerabbli.

Sabiex titqajjem kuxjenza u viżibilità dwar l-Edukazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, f'Mejju 2019 id-DĠ ECHO organizza Attività ta' Livell Għoli dwar "L-Edukazzjoni f'Sitwazzjonijiet ta' Emerġenza: School4All", mal-Kummissarju Christos Stylianides, mar-rebbieħa tal-Premju Nobel għall-Paċi Denis Mukwege, mal-ambaxxatur ta' Handicap International Axelle Red u l-kantant Typh Barrow. Id-DĠ ECHO nieda kampanja fuq il-midja soċjali #RaiseYourPencil għal #School4All biex juri solidarjetà mat-tfal kollha li huma affettwati mill-kriżi li ma jistgħux imorru skola.

Assistenza fi flus

Id-DĠ ECHO kompla jmexxi ’l quddiem id-diskussjonijiet dwar it-trasferimenti ta’ flus. Kien strumentali biex titrawwem koordinazzjoni akbar tad-donaturi billi ġiet adottata dikjarazzjoni konġunta tad-donaturi dwar il-flus kontanti fiż-żewġ pajjiżi pilota, in-Niġerja u l-Bangladesh.

Id-DĠ ECHO ppubblika l-“EU Cash Compendium 2019: Doing More Cash, Better”, (il-Kompendju tal-UE tal-2019 dwar il-Flus Kontanti: l-Użu tal-flus, Aktar u Aħjar), li jenfasizza r-riżultati fil-livell ta’ proġetti b’referenza għar-rakkomandazzjonijiet deskritti fin-Nota ta’ Gwida ta’ DĠ ECHO dwar il-Flus Kontanti fuq skala kbira. Id-dokument jenfasizza x’jagħmlu l-proġetti b’mod differenti, kif isegwu r-rakkomandazzjonijiet tan-Nota ta’ Gwida ta’ DĠ ECHO dwar il-Flus Kontanti fuq skala kbira, u kif dawn jiżguraw koordinazzjoni ma’ donaturi oħra u mas-Sistema ta’ Protezzjoni Soċjali, kif ukoll l-sfidi u t-tagħlimiet meħuda. Proporzjonijiet ta’ effiċjenza ta’ 85:15 (85 % tal-finanzjament li jilħaq lill-benefiċjarji fil-mira) u aktar, kif previst fin-Nota ta’ Gwida, diġà qed jintlaħqu f’diversi pajjiżi.

Innovazzjoni u involviment tas-settur privat

Id-DĠ ECHO kompla jinvolvi ruħu fid-dibattitu globali, b’mod partikolari fil-Laqgħa Annwali tal-Forum Ekonomiku Dinji, fid-Dibattitu dwar l-Affarijiet Umanitarji tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-Nazzjonijiet Uniti (ECOSOC), fl-Assemblea Ġenerali tan-NU u fil-laqgħa tad-donaturi f’Berlin dwar il-Futur tal-Innovazzjoni fl-Azzjonijiet Umanitarji. Id-DĠ ECHO kompla jappoġġja l-iżvilupp ta’ approċċi innovattivi permezz tal-Anness tal-Politiki Tematiċi tal-Pjanijiet ta’ Implimentazzjoni Umanitarja (Humanitarian Implementation Plans, HIPs), li jinkoraġġixxi lis-sħab biex inaqqsu l-impronta ambjentali tar-rispons umanitarju billi jużaw approċċi diġitali, u billi jappoġġaw il-Premju Orizzont 2020 tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni għal “Teknoloġija Avvanzata Affordabbli għall-Għajnuna Umanitarja”, li għandu jingħata fl-2020.

It-Tmexxija tal-UE fis-Sejħa għal Azzjoni dwar il-Protezzjoni mill-Vjolenza Sessista f’Emerġenzi

Id-DĠ ECHO huwa membru ta’ l-inizjattiva globali rigward Azzjoni għall-Protezzjoni Kontra l-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru waqt emerġenzi. Il-programm ta’ Kapaċità Msaħħa ta’ Rispons (programm tad-DĠ ECHO) immexxi mill-UNFPA ppromwova l-iżvilupp ta’ standards bejn l-aġenziji dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru waqt emerġenzi, u gwida dwar kif jiġu żviluppati Pjanijiet Direzzjonali għal Sejħiet għall-Azzjoni f’kuntesti speċifiċi (mill-proġetti pilota fin-Niġerja u r-RDK). Matul l-2018 u l-2019, id-DĠ ECHO alloka madwar EUR 52 miljun euro biex jipprevjeni u jirrispondi għal vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru. Id-DĠ ECHO nieda l-ewwel tagħlim elettroniku tiegħu li qatt sar dwar l-għodda tiegħu li tieħu kont tal-integrazzjoni tal-ġeneru u l-età.

ECHO Flight (Afrika) u appoġġ għas-Servizzi tat-Trasport bl-Ajru Umanitarji

L-ECHO Flight huwa servizz tal-ajru umanitarju b’sitt inġenji tal-ajru, għandu baġit ta’ EUR 12,4-il miljun u huwa bla ħlas għas-sħab tad-DĠ ECHO u għall-organizzazzjonijiet umanitarji. Fl-2019, appoġġa aktar minn 250 proġett, ittrasporta aktar minn 25 000 ħaddiem tal-għajnuna umanitarja, u madwar 200 tunnellata ta’ merkanzija umanitarja.

Barra minn hekk, l-UE kkontribwiet għas-servizzi tal-ajru umanitarji mingħajr skop ta' qligħ bħall-EUR 25 miljun għall-Programm Dinji tal-Ikel/għas-Servizz Umanitarju bl-Ajru tan-Nazzjonijiet Uniti (UNHAS), u għall-operazzjonijiet loġistiċi tiegħu fi 12-il pajjiż.

Sommarju tal-evalwazzjonijiet li tlestew fl-2019

Evalwazzjoni konġunta tal-interventi umanitarji tal-Unjoni Ewropea fl-Afrika Ċentrali, u tal-koordinazzjoni umanitarja (2014–2018)

L-UE tat kontribut importanti biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet akuti u biex jissaħħu r-risponsi umanitarji fl-Afrika Ċentrali. L-attivitajiet tad-DĠ ECHO, u t-twassil affidabbli tar-riżultati mistennija permezz ta' sħab u ta' appoġġ għall-funzjoni ta' koordinazzjoni tal-OCHA tan-NU, b'mod partikolari biex jiġu eliminati l-lakuni fil-koordinazzjoni, kienu ta' għajnuna kbira.

L-evalwazzjoni enfasizzat l-isfidi relatati mal-indirizzar tal-ħtiġijiet kroniċi u tal-lakuni fil-koordinazzjoni li għadhom jippersistu, u offriet rakkomandazzjonijiet biex jiġu appoġġati l-assistenza umanitarja tal-UE u l-koordinazzjoni fir-reġjun għall-futur.

L-evalwazzjoni konġunta tal-interventi umanitarji tal-Unjoni Ewropea fl-Afganistan, u tas-sħubija mal-Kunsill Norveġiż għar-Refuġjati (2014–2018)

L-evalwazzjoni sabet li d-DĠ ECHO huwa attur kruċjali fil-kuntest tal-għajnuna għall-Afganistan u li qed jappoġġa s-sinerġija bejn l-iżvilupp u l-azzjonijiet umanitarji. L-azzjonijiet tad-DĠ ECHO qed jgħinu fir-rigward tal-effetti immedjati ta' wara l-kunflitt u d-diżastri, bil-Mekkaniżmu ta' Rispons f'Emerġenza u l-assistenza fi flus kontanti (l-aktar ir-rispons ibbażat fuq il-ħtiġijiet) għall-IDPs.

L-evalwazzjoni tas-sħubija sabet li kienet teżisti sħubija ta' kwalità għolja. Hemm evidenza qawwija li fil-livelli kollha kien jeżisti l-iskambju ta' informazzjoni regolari, komprensiv u trasparenti - bil-fiduċja tkun il-fattur ewlieni. Kien hemm ukoll xi dgħufijiet: xi proċessi kienu ineffiċjenti, kien hemm xi nuqqasijiet fil-komunikazzjonijiet interni, u r-rekwiżiti tal-awditjar swew konsiderevolment għat-tnejn li huma.

Bagit tal-2019

1. Lista ta' ftehimiet ta' finanzjament konklużi mill-Kummissjoni fil-qasam tal-għajnuna umanitarja[3]: Il-ftehimiet għal għajnuna umanitarja mogħtija mill-UE jinsabu fis-sit web tas-Sistema ta' Trasparenza Finanzjarja (STF)

2. Implimentazzjoni tal-bagit

BAĠIT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAD-DĠ ECHO għall-2019		
Eskluż id-dħul assenjat estern mill-Istati Membri		
Reġjun/pajjiż	**Ammont**	**%**

[3] Inklużi l-ismijiet ta' organizzazzjonijiet sħab ikkonċernati.

L-Afrika	**632**	**29 %**
Is-Sudan u s-Sudan t'Isfel	105	
L-Afrika Ċentrali	68	
Il-Lagi l-Kbar	72	
Il-Qarn tal-Afrika	163	
In-Nofsinhar tal-Afrika, l-Oċean Indjan	60	
L-Afrika tal-Punent	138	
L-Afrika ta' Fuq	17	
L-Afrika	10	
Il-Lvant Nofsani, ix-Xlokk tal-Ewropa u l-viċinat tal-Lvant	**1 062**	**50 %**
Il-Lvant Nofsani	436	
Ix-Xlokk tal-Ewropa u l-viċinat tal-Lvant	627	
L-Asja, il-Paċifiku	**127**	**6 %**
L-Asja tal-Lbiċ u Ċentrali	75	
L-Asja tax-Xlokk u l-Paċifiku	52	
L-Amerika Latina, il-Karibew	**104**	**5 %**
L-Amerka Latina	84	
Il-Karibew	20	
Diżastri madwar id-dinja	**40**	**2 %**
Il-protezzjoni ċivili[4]	**95**	**4 %**
Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE	**18**	**1 %**
Operazzjonijiet u appoġġ kumplimentari	**68**	**3 %**
TOTAL	**2 146**	**100 %**

(f'miljuni ta' EUR)

INFORMAZZJONI U SORSI ADDIZZJONALI

- Informazzjoni ġenerali dwar id-DĠ ECHO: http://ec.europa.eu/echo/en
- Informazzjoni finanzjarja dwar l-attivitajiet tal-għajnuna umanitarja tal-Kummissjoni Ewropea fl-2019: https://ec.europa.eu/echo/funding-evaluations/financing-decisions-hips-2019_en
- Informazzjoni operazzjonali mis-snin ta' qabel: https://ec.europa.eu/echo/who/accountability/annual-reports_en

4 L-attivitajiet taħt din il-partita mhumiex koperti mir-Regolament dwar l-Għajnuna Umanitarja u mhumiex iffinanzjati mill-baġit għall-Għajnuna Umanitarja.

- Ir-Rapport Annwali tal-Attività għall-2019, id-DĠ ECHO: https://ec.europa.eu/info/publications/annual-activity-report-2019-european-civil-protection-and-humanitarian-aid-operations-echo_en
- Ir-Rapport Annwali tal-Ġestjoni u tal-Prestazzjoni għall-2019: https://ec.europa.eu/info/publications/annual-management-and-performance-report-2019_en
- Ir-rapporti tal-evalwazzjoni tad-DĠ ECHO: http://ec.europa.eu/echo/funding-evaluations/evaluations en
- Id-*data* tal-finanzjament tal-għajnuna umanitarja tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Istati Membri: https://webgate.ec.europa.eu/hac/
- L-Indiċi tar-Riskju Globali INFORM https://drmkc.jrc.ec.europa.eu/inform-index

Lista ta' sħab li ffirmaw il-Qafas ta' Sħubija tal-2014

http://ec.europa.eu/echo/sites/echo-site/files/weblistpartners.pdf